MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 238/2010

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

Illi huwa zzewweg lil martu C B fis-27 ta' Lulju 1991;

Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewg itfal, u doe Jolene li llum ghandha (12) tnax-il sena, u Clyde li llim ghandu (9) disa' snin;

Illi l-hajja konjugali ta' bejniethom ghal dawn l-ahhar sentejn u aktar, giet reza mpossibli minhabba nkompatibilita' ta' karattru u ragunijiet ohra li huma sufficcjenti fid-dritt, ghall-otteniment ta' separazzjoni personali;

Illi b'digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Mejju 2010, 1-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) awtorizzat lil A B sabiex jipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali u dan fit-termini mposti mill-ligi:

Ghaldaqstant tghid ghalhekk l-intimata, m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi u tordna illi:

a. Tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti A u C B, u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimata C B ai termini tar-ragunijiet stipulati fl-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Ligiijiet ta' Malta;

b. Tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg minorenni Jolene u Clyde, b'mod kunguntiv bejn iz-zewg partijiet , b'dana illi l-abitazzjoni ordinarja tat-tfal tigi regolata u determinata fl-ahjar interess tal-minuri;

c. Tiddetermina u tiffissa, l-hinijiet tad-dritt ta' access tal-partijiet, skond id-determinazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti dwar id-dritt ta' kura u kustodja u abitazzjoni tat-tfal;

d. Jigi dikjarat li l-intimata ddekadiet minn kull dritt ta' manteniment minghand ir-rikorrenti, ghaliex hija kienet il-kagun uniku tat-tkissir taz-zwieg bejn l-imsemmija il-kontendenti;

e. Tiddetermina u tiffissa r-retta almentarja li l-partijiet bejniethom ghandhom jikkontribwixxu versu z-zewg minorenni b'mod regolari skond id-dhul individwali taghhom;

f. Tigi likwidata u xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti A u C B, u tiddividiha f'porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u ope sententiam tassejna porzjoni lir-rikorrenti u ohra lill-intimata, tenut kont anki tad-djun li hemm ezistenti;

g. Tillikwida jekk ikun il-kaz, l-assi parafernali tar-rikorrenti u tassenjahom lill-istess:

h. Tapplika kontra l-intimata, jekk ikun il-kaz, s-sanzjonijiet legali kontemplati fl-Artikoli 48,51 u 53 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

i. Taghti kull rimedju u/jew direttiva ulterjuri li huma xierqa u necessarji fic-cirkustanzi partikolari ta' din il-firda personali;

Bl-ispejjez kontra l-intimata, li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata u l-kontro talba tal-konvenuta li taqra hekk:-

1. Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm 1ok ghal separazzjoni persona li bejniethom, dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attur. Di fatti 1-eccipjenti qed tipprevalixxi ruhha mid-dritt lilha moghtija tal-kontro-talba biex tirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur u dan fost l-ohrajn ghaliex:

2. Ma hux minnu li l-eccipjenti tahti ghat-tifrik taz-zwieg; ghall-kuntrarju kien l-attur li b'diversi sevizzi, ingurji gravi, relazzjonijiet adultery u abbandun tad-dar matrimonjali farrak iz-zwieg u dan kif se jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-eccipjenti ghalhekk taqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijet pero' dan minhabba ragunijiet imputabbli biss lill-attur;

4. Illi l-kura u kustjodja tal-minuri m'ghandhiex tkun wahda konguntiva u dan hu kaz li ghandha tkun f'idejn il-konvenuta biss, l-esponenti ghandu jigi akkordat lilu d-dritt t'access;

5. Illi konsegwentement l-eccipjenti ghalhekk taqbel li din il-Qorti ghandha tiddetermina u tiffissa, l-hinjiet tad-dritt ta' access ghall-partijiet dwar id-dritt ta' l-access;

6. Illi in kwantu ghall-manteniment dovut ghall-konvenuta nfisha, l-konvenuta ghandha kull dritt li tircevih dan ghaliex huwa biss l-attur li kien il-kagun tat-tkissir taz-zwieg bejn l-imsemmija kontendenti, u di piu' qieghed jigi dikjarat li l-konvenuta m'ghandhiex impjieg u dan peress li hi jkollha tiehu hsieb lil bintha disabbli li hija l-minuri Jolene B;

7. Illi in kwantu ghar-retta alimentarja dovuta liz-zewg minorenni, il-esponenti taqbel li l-Qorti ghandha tiddetermina kemm ghandhom jikkontribwixxu z-zewg partijiet u dan wara li l-Qorti tikkunsidra u tiddetermina min ikun qed jiehu hsieb il-minuri u l-bzonnijiet kollha ta' l-istess minuri, u l-qliegh taz-zewg kontendenti;

8. Illi l-eccipjenti taqbel max-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'dan illi l-porzjonijiet m'ghandhomx ikunu ugwali u dan wara li l-Qorti tikkunsidra t-tortijiet ta' l-attur;

9. Illi dwar il-beni parafernali, ghandu jinghad li l-attur m'ghandu xejn x'jiehu lura;

10. Illi s-sanzjonijiet legali kontemplati fil-Artikoli 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom ghall-kuntrarju jigu applikati fil-konfront ta' l-attur;

11. Illi l-eccipjenti taqbel li l-Qorti ghandha taghti kull rimedju u/jew direttiva ulterjuri li jkunu xierqa u necessarji fic-cirkostanzi partikolari ta' din is-separazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikorrenti li minn issa qieghed jigi ingunt ghas-subizzjoni.

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis- 27 ta' Lulju 1991;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom zewgt it-tfal u cioe' Jolene li llum ghandha tnax (12)-il sena u Clyde li llum ghandu disa' (9) snin;

3. Illi l-attur rikonvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibbli, permezz ta' adulterju, sevizzi, mohqrija, theddid, abbandun tad-dar matrimonjali u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront ta' l-istess konvenuta rikonvenzjonanta, u kif ukoll iz-zwieg taghhom, tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku ta' l-istess attur rikonvenut;

4. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprovdu bl-istanti premezz ta' Digriet moghti nhar is-27 ta' Mejju 2010 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

5. Illi l-esponenti qeghda tipprevalixxi ruhha mir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur rikonvenut biex tipprezenta l-kontro-talba taghha;

6. Illi l-konvenuta rikonvenzjonanta taf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess, il-konvenuta umilment titlob bir-rispett lil din 1-Onorabbli Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attur rikonvenzjonat kif fuq spjegat u tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanta tghix separatament minn ma' l-attur;

2. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Jolene u Clyde tigi fdata f'idejn il-konvenuta rikonvenzjonanta, u tiffissa l-granet u l-hinijiet li fihom l-attur rikonvenut ghandu jinghata access fil-konfront tal-minuri;

3. Tiddikjara li l-attur rikonvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew li jippercepixxi manteniment minghand il-konvenuta rikonvenzjonanta martu, mentri hi jibqaghlha d-dritt li tesigi minghandu l-hlas ta' manteniment ghaliha;

4. Tordna u tikkundanna lill-attur rikonvenut jivversa manteniment ghall-konvenuta rikonvenzjonanta ghaliha u ghall-minuri skond il-bzonnijiet tal-minuri u fl-ahjar interessi ta' l-istess minuri, liema manteniment ghandu jigi likwidat u iffissat minn din l-Onorabbli Qorti u tordna li dawn l-alimenti ghandhom jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh ta' l-attur, mill-impjieg jew xoghol li hu jista' jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja;

5. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat interament jew inparti id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attur rikonvenut hu unikament hati ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-konvenuta rikonvenzjonanta u porzjon lill-attur ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tordna li l-konvenuta rikonvenzjonanta tibqa' tabita fid-dar matrimonjali "Redeemer", 34, Triq il-Vanlija, Imgarr, Malta flimkien mal-minuri Jolene u Clyde ad eskluzjoni ta' l-attur rikonvenut u taghti kull provvediment xieraq u opportun fic-cirkostanzi u dan fid-dawl tal-fatt ukoll li l-minuri Jolene hija tifla disabbli;

8. Tikkundanna lill-attur rikonvenut biex jirrestitwixxi lill-konvenuta rikonvenzjonanta l-beni kollha dotali u/jew parafernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attur jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-konvenuta rikonvenzjonanta dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti;

9. Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanta tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

10. Taghti kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni precedent ghal dan ir-rikors, kontra l-attur rikonvenzjonat li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-provi imressqa mill-partijiet.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha fosthom id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-23 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu l-attur gie zgumbrat mid-dar matrimonjali u l-konvenuta giet awtorizzata tghix fid-dar konjugali flimkien ma' l-ulied minuri ad eskluzzjoni tal-attur.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Fil-bidu tal-kawza iz-zewg partijiet kienu xhedu quddiem din il-Qorti diversament preseduta in konnessjoni ma' rikors li kienet intavolat il-konvenuta fejn talbet l-allontanament tal-attur mid-dar matrimonjali. Il-konvenuta kienet xhedet li spiss fid-dar kienu jinqalghu incidenti bejniethom. Spjegat kif il-kondizzjoni medika tat-tifla Jolene tirrikjedi attenzjoni il-hin kollu. Iddeskrivitha bhala "CP (cerebral palsy) , ma titkellimx, ma timxix, titmaha, tqandilha,kollox, terfaha……….".

L-attur beda jnaqqas milli jkun fid-dar matrimonjali. Jghid illi dan ghamlu sabiex jevita l-inkwiet minn ma' martu. Izda kull meta jkun id-dar spiss jinqalghu kienu incidenti bejniethom.

Iz-zewg partijiet jakkuzaw lil xulxin bi vjolenza.

Il-konvenuta **C B** xhedet illi:

"F' Jannar, din is-sena. Gie filghodu ghax taparsi biex jghidlu lit-tifel li hu jorqod id-dar u fil-fatt hu ma jorqodx id-dar. Dahal u ghidtlu jien se mmur ghand il-clinic, ghax jugani dahri u mbaghad ghajjarni qalli sejra, ghajjarni lesbjana u mbaghad ghidtlu hu hsieb it-tfal u ha jitlaq u kelli nerga' lura u gie daqqa go sidri u bezaqli. Imbaghad lit-tifel qallu Clyde rajtha l-mummy. Qallu mhux vera daddy qallu int."[1] Il-konvenuta marret il-Clinic u hargilha certifikat mediku. Tirrakkonta episodju iehor fejn l-attur kien mar ghat-tifel u kien ghadu mhux lest biex johrog. Inqala' wkoll incident peress li kien ippretenda li ghandu jsibu lest. Tghid il-konvenuta illi dakinhar kien taha bil-ponn u bis-sieq; ghajjarha, bezqilha u beda jidghi.

Spjegat illi meta l-attur beda jirrisjedi band' ohra huwa kien imur ghall-gharrieda fid-dar matrimonjali gieli anke f'nofs ta' lejl u jahsadhom. "Niehdu qatgha ahna u gieli jigi ghal 2 minutes u jerga' johrog u hwejjeg hemm m' ghandux, television ha, hadilna l-kompjuter kollox. Hwejjeg m' ghandu xejn, xejn.".[2]

Il-konvenuta kienet instabet hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'sentenza tal-21 ta' Ottubru 2009 illi fl-20 ta' Mejju 2009 fid-dar matrimonjali ikkagunat griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-attur kif certifikat mit-Tabib Dr T Bugeja kif ukoll illi hedditu u wadbitlu hwejjeg iebsin. Hija kienet giet liberata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur.

Kien hemm okkazzjonijiet fejn kellhom jintervjenu l-Pulizija d-dar minhabba incident bejn il-partijiet. In kontro-ezami fuq domanda jekk kenitx terfa' idejha fuq l-attur tghid hekk: "…. Nghid li jiena mhux ser joqghod b'idejja wara dahri."[3] Qablet ukoll illi waqt wiehed mill-incidenti ta' bejn il-partijiet l-attur kien spicca bil-punti f'rasu.

"Telaq ghal kollox mid-dar qabel ma tkecca mill-Qorti pero' mhux assolutament ghalkemm ha hwejgu, ghax sakemm tkecca mill-Qorti kien jigi d-dar x'hin irid biex jara lil Joelene. Meta kien jigi konna nibdew nargumentaw u konna nispiccaw naghmlu r-rapporti l-Ghassa lil xulxin".[4]

Spjegat illi l-attur gieli wassal lilha u lit-tifla l-Isptar u kien jibqa' jistenna barra. Meta ma kienx ikun jista' l-attur kienet iccempel l-ambulanza.

[1] Fol. 60
[2] Fol. 62
[3] Fol. 665
[4] Fol. 671

Il-konvenuta xhedet illi fis-sena 2009 hija kellha kont il-bank b'bilanc ta' circa €8,000 u li fis-sena 2013 kellu bilanc ta' €5,000. Fis-sena 2013 id-dhul taghha kien ta' nofs ic-children's allowance, ir-relief tal-Gvern li jammonta ghal circa €400 fix-xahar, €70 fil-gimgha ghat-tfal u suppost tircevi minghand l-attur €30 fil-gimgha li pero' skond il-konvenuta ma jithallasx. Tircevi wkoll allowance ohra minhabba l-kondizzjoni medika ta' Joeline.

L-attur **A B** xhed illi dwar l-incident tal-20 ta' Mejju 2009 il-konvenuta kienet aggreditu bi statwa u tatu daqqa biha fuq rasu u wegghatu. Jghid li minn dakinhar peress li ma hafriliex u instabet hatja il-konvenuta bdiet sensiela ta' rapporti kontra tieghu ghal xejn b'xejn.

Dwar in-numru ta' certifikati medici li pprezentat il-konvenuta in sostenn ta' dak li xhedet illi l-attur kien isawwatha, l-konvenut xhed dan li gej:

"Jiena l-ghassa dejjem ghidtilhom biex inkellmu lit-tabib biex jivverifika li l-affarijiet ghamilthom jiena ghax jien ma missejtix lilha. It-tifla kif qalet hi, ghandna tifla disabled, 13, din it-tifla taghti hafna bhal hyper active. Bniedem normali jekk jaraha din, din anki jekk tibdillha l-harqa, tibda taghti bis-sieq. Jiena t-tifla biss biss kissritli 4 nuccalijiet lili, ghandi tnjen minnhom qeghdin hawnhekk ghax din anki jekk immur nibdillha l-harqa taghti bis-sieq. Dan jistghu jigu t-tobba, dan anki jekk ikun hemm fil-kamra u tibdel xi haga fil-kamra jew xi hadd jimxi jew xi haga hekk, hi anki jekk tkun fuqek taf jew ittik xi daqqa jew tigirfek.". Huwa cahad li refa' jdejh fuq il-konvenuta.

Fl-affidavit tieghu l-attur xhed li qabel izzewgu kienu ilhom jafu lil xulxin circa sentejn. Jispjega illi fiz-zmien kien sewwieq ta' truck igorr il-merkanzija. Minn dak ix-xoghol kellu paga tajba izda f'xi zmien kellu jieqaf peress li spicca bi problemi ta' sahha f'dahru u fuq parir tat-tabib ma kompliex dak ix-xoghol. Kien ghamel xoghol ta' 'diving instructor' u hekk beda jahdem ma' kumpanija li topera mix-Xemxija. Jghid li ghalkemm id-dhul tieghu naqaslu peress li ix-xoghol ta' 'diving instructor' huwa wiehed stagjonali, jispjega li huwa xoghol interessanti u li jlaqqghu ma' hafna nies.

Jaghti spjegazzjoni ta' diversi episodji waqt il-hajja matrimonjali li skond l-attur jissostanzjaw il-pretensjoni tieghu li z-zwieg tkisser tort tal-konvenuta:-

a) F'Mejju 2009 tatu daqqa ta' statwa fuq rasu li kellu jaghmel erba' punti;

b) Kienet theddu li ser thalli t-tfal wahedhom u tmur tirrappurtah lill-Pulizija li kien hu li hallihom wahedhom.

c) Il-konvenuta kienet inkarigat lil certu Anthony Camilleri sabiex jaghmel telefonata lill-attur u jaghmel ta' bir-ruhu li kien pulizija. Dwar dan Anthony Camilleri kien instab hati ta' reat kriminali.

d) Jilmenta li spiss martu kienet tistieden il-hbieb id-dar li ma kienux ta' karattru tajjeb u mohhom fix-xalar, xorb u titjip. Kien jirrabja li l-konvenuta tpejjep id-dar u thalli lil haddiehor ipejjep id-dar meta hu ma kienx ikun irid li jsir tipjip id-dar specjalment minhabba t-tfal.

e) Jirrakkonta dwar incident li sehh fic-centru tad-diving fejn kien qed jahdem. "Niftakar okkazjoni ohra meta jien kont qieghed ic-centru tad-diving. Giet hemmhekk u ghal xejn b'xejn qabdet tghajjat u kisritni quddiem kulhadd. Xhud ta' dan l-incident partikolari hemm is-Sinjura Una Fabri, l-manager tieghi. F'okkazjoni ohra bdiet tghajjat li jiena sraqt €30 lit-tifel. Darba ohra hallejtilha l-flus ghat-tfal, dak iz-zmien €80 u kelli nerga ntihomlha doppji ghax giet tghajjat id-dive centre li ma sabithomx fejn hallejthomlha. Darba ohra, waqt li jien kont qieghed fl-istess centru ghax mort sabiex forsi naghmel night dive, nircievi messagg fuq il-mobile fejn saqsietni riedx niekol u jien ghidtilha li mhux cert jekk ha naghmilx night dive jew le. Wara ftit sekondi nircievi messagg, li fil-verita dan l-istess messagg kellu jintbaghat lil haddiehor izda ntbaghat lili bi zball. Dan il-messagg kien mibghut minn marti C lil habib taghha fejn qaltlu biex ahjar ma jmurx id-dar matrimonjali taghna minhabba li hi ma kienitx taf x'ser naghmel, cioe'jekk kontx ser immur id-dar kmieni jew le."

f) il-konvenuta kienet tiftah il-posta li kienet tkun indirizzata lilu,. Dan waslu sabiex japplika ghal P.O Box.

g) Jghid ukoll li kien hemm persuni rgiel li kienu qrib martu matul is-snin ghalkemm ma ressaq l-ebda provi konkreti dwar dan.

h) Jghid li l-intimita' bejniethom kienet ilha li waqfet ghal madwar ghaxar snin u li ma bediex il-proceduri ta' separazzjoni qabel minhabba t-tfal.

Huwa ghalhekk li l-attur isostni li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg taghhaom

Permezz ta' nota guramentata[5] l-attur jghid li xogholu huwa stagjonali fis-sens li jahdem biss matul it-tlett xhur tas-Sajf bhal ghaddas. Jghid li matul id-disa' xhur l-ohra huwa jirregistra ghax-xoghol. Jghid li waqt ix-xhur tas-Sajf jaqla' madwar €150 fil-gimgha filwaqt li matul ix-xhur l-ohra jircevi €110

[5] Fol. 83

f'beneficcji socjali. Lil martu jhallasha €50 fil-gimgha filwaqt li jhallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar matrimonjali.

Kemm ilu li gie zgumbrat mid-dar matrimonjali b'digriet pendente lite huwa kera fond residenzjali b'kera ta' €250 fix-xahar, oltre l-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

Assi immobiljari tal-komunjoni huma d-dar matrimonjali 34, Redeemer, Triq il-Vanilja, Mgarr konsistenti f'terraced house b'zewg sulari kif ukoll garaxx adjacenti bin-numru 36. Jghid li dawn iz-zewg fond flimkien ghandhom valur komplessiv ta' circa €190,000. Inoltre hemm il-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali. Djun ma hemmx.

B'nota li tinsab a fol. 85 tal-process jghid li l-ghajnuna socjali giet ridotta ghal €72 fil-gimgha.

In kontro-ezami[6] jikkonferma li l-konvenuta ma kenitx tahdem u kienet ilha ma tahdem qabel ma twieldet Joelene. Jghid li ghalkemm ghandu problema f'dahru li waslitu biex jieqaf mix-xoghol ta' driver li kellu ma' General Softdrinks Co. din il-kondizzjoni ma zzommux milli jaghmilha ta' ghaddas professjonali peress li c-cilindru tal-ossignu ikun 'buoyant' taht l-ilma.

Jghid li fis-sena 2011 waqaf ihallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar matrimonjali u dan bi ftehim mal-konvenuta. Xhed illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet bdiet tmur lura qabel ma twieldet Joelene u dan minhabba il-familjari u hbieb tal-konvenuta. Jghid li kien hemm diversi incidenti il ma kienx irrapporta izda meta l-konvenuta tatu daqqa ta' statwa fuq rasu huwa iddecieda li jibda jirrapporta meta l-konvenuta tagredih.

Xehed **Anthony Camilleri**[7], li ddeskriva ruhu bhala habib tal-konvenuta. Giet ezebita kopja informi ta' sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Anthony Camilleri deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Novembru 2010[8] fejn huwa kien instab hati li ha f'idejh xi funzjoni pubblika sew civili jew militari minghajr ma kellu jedd ghaliha u ezercita xi att ta' dik il-funzjoni, u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jergax jaghmel reat iehor fi zmien sena. Muri dik is-sentenza, Anthony Camilleri xhed illi kienet il-konvenuta li qabditu jaghmel dik it-telefonata lill-attur. "Qaltli biex nghidlu biex jigi l-Ghassa tal-Mosta jaghtiha l-flus hemm ghax jekk iccempillu hi ma jigix".

Xehdet **Carmelina Fabri,** li tahdem ma' Subway Dive Centre f'Bugibba fejn jahdem l-attur bhala ghaddas. Qalet li meta jkun jahdem l-attur jahdem bejn 20 u 25 siegha fil-gimgha u jithallas circa €125 kull gimgha. Iddeskrivit diversi incidenti fejn il-konvenuta marret fuq il-post tax-xoghol tal-attur tghajjat. "A ilu jahdem ilu jahdem maghna min-1996. Kien hemm perjodu fejn huwa hadem ma' dive centre. Maghna dejjem part-time kien. Nista' nivverifika ezatt mar-records. Il-kumpanija m'hijiex

[6] Fol. 593
[7] Fol. 87
[8] Fol. 115

tieghi. Jiena nahdem maghha. Mill-2007 il-kumpanija kien jisimha Subway Scuba Limited. Qabel kien Marina Acqua Sport Limited. Jiena m' ghandhiex rapprezentanza ta' din il-kumpanija.

Bhalissa m' huwiex qed jahdem. Fis-sajf li ghadda hadem. Lil iben il-partijiet Clyde rajtu 1-ahhar mhux is-Sibt li ghadda izda te' qabel. Il-Hadd ma nahdimx u ghalhekk ma narahx il-Hadd. Jiena narah jew qabel jew wara c-cinema meta flimkien ma' missieru jigi l-hanut biex jghid "Hello". Ma naqbilx ma dak li qed jigi suggerit lili li jiena noqghod ma' Clyde sakemm missieru jkun qed jodghos. Din nichadha. Qatt ma kont baby sitter mat-tifel.

M' ghamiltx rapport mal-Pulizija dwar l-incident ta' April 2010. Kien imur id-dar wara x-xoghol ghax kieku hi kienet tibqa' ccempel. Jiena ma kontx immur mieghu d-dar wara x-xoghol. Dan kien jigri sal-2010. Meta dahhal mobile A, martu ma baqghetx iccempel daqshekk spiss il-hanut”,[9]

Xhedu wkoll **Susanne Tesi** u **Maria Borg**[10] li fiz-zmien kienu hbieb tal-konvenuta izda ma baqghux jiltaqghu. Xhedu illi gieli kienu jkunu d-dar tal-partijiet meta kienu ghadhom flimkien. Kienu jaraw lill-attur jigi lura mix-xoghol, jiekol u joqghod jilghab mat-tfal u x'hin isir il-hin kien itella lit-tifla torqod u kien jibqa' maghha. Huma u l-konvenuta kienu jibqghu isfel. F'xi zmien il-konvenuta kienet bdiet tilmenta maghhom li l-attur ma kienx qed jghatiha flus ghall-hajja.

L-**Ispettur Joseph Busuttil** mill-Ghassa tal-Mosta xhed[11] u ezebixxa kopja tar-rapporti kollha li hemm fis-sistema komputerizzata tal-Pulizija, rapporti li saru miz-zewg partijiet f'dawn l-ahhar hmistax-il sena. L-ewwel rapport imiur lura ghat-12 ta' Lulju 2000. B'kollox ezebixxa dsatax-il rapport.

Xehdu wkoll **Connie Richards** u **Josephine Mamo**, head of school ta' Helen Keller Resource Centre u headmistress ta' San Miguel Primary Education Resource Centre rispettivament. Huma xhedu dwar il-kondizzjoni gravi li minnha tbati it-tifla Joelene.

Xehdet **Mary Caruana**, oht il-konvenuta.[12] Spjegat illi ftit wara li kienu ilhom mizzewgin il-partijiet kien ser ikollhom tarbija li pero' kienu tilfuwha. Xi sitt snin u nofs wara huma kellhom lil Joeline. Joeline giet certifikata li kienet qed tbati minn 'celebral palsy' u l-konvenuta waqghet f'depression qawwija tant li Mary Caruana kellha zzom lit-tarbija ghandha ghal ftit xhur. Spjegat illi l-attur kien jaqla hafna nkwiet meta jkun ghandhom billi jghajjar lill-konvenuta li kienet injoranta. Kienet tmur tghin lill-konvenuta matul filghodu meta l-attur kien ikun xoghol. Darba minnhom marret u sabet

[9] Fol. 88
[10] Fol. 133 et seq
[11] Fol. 159
[12] Fol. 165

argument ghaddej bejn il-partijiet. L-attur kien mar jahbat ghall-konvenuta u Mary Caruana marret tifridhom. Darba ohra kien il-Hadd u l-konvenuta cemplitilha biex tmur ghaliha u tohodha l-klinika tal-Gvern peress li l-attur kien hebb ghaliha. Kienet marret u sabitha bid-daqqiet li gew certifikati mit-tabiba tal-klinika. Tghid spiss il-konvenuta kienet tilmenta maghha li l-attur ihalliha nieqsa mill-flus. Hija tghix vicin il-konvenuta fl-istess rahal. Xhedet li l-attur kien imur ghax-xoghol filwaqt li kien jirregistra. Xhedet illi f'xi zmien l-attur beda xi drabi jorqod id-dar u xi drabi le.

Xehdet **Lucy Baldaccino**, oht il-konvenuta.[13] Essenzjalment tat xhieda simili ghal dik ta' ohtha Mary Caruana. Spjegat li l-attur lill-konvenut kien il-hin kollu jwaqqaghhha ghac-cejt quddiem min ikun prezenti anke quddiemha. Kien joqghod jghidilha f'wicc il-konvenut u fil-presenza tax-xhud illi hija kienet ahjar mill-konvenuta. Spjegat li kien hemm drabi fejn il-konvenuta kienet iccempilla f'nofs ta' lejl tghidilha li l-attur ghadu ma dahalx id-dar.

**Carmen Farrugia**, social worker ma' l-Agenzija Support, xhedet li taf lill-konvenuta ghaliex kienet marret titlob ghall-ghajnuna professjonali taghhom. Spjegat il-kondizzjoni tat-tifla u l-kura kontinwa li tirrikjedi.

Il-konvenuta, **C B**, xhedet bil-mezz tal-affidavit.[14]

"Fil-bidu tal-hajja matrimonjali kollox kien miexi sewwa u qatt ma kellna problemi. Jien kont nahdem sakemm kelli lil Jolene u hu kien jahdem ukoll bhala xufier. Ir-ragel tieghi waqaf mix-xoghol meta ke1li lil Jolene u 1-problemi bdew minn meta twie1det it-tifla ghax ma riedx responsabbilita' tat-tifla. Fil-fatt ir-ragel quddiem it-tifel jghid, "Jien nigi l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba u anke l-hames".

Ahna domna minghajr tfal sitt snin u minn dan iz-zwieg kellna lil Jolene li llum ghandha hmistax (15)-il sena u hija tifla bi bzonnijiet specjali ghax ghandha celebral palsy tant li lanqas tirnxi u titkellem ma' tista' izda irridu ncaqalquha bil-buggy u t-tife1 Clyde li ghandu hdax (11)-il sena. Jolene ghandha problemi kbar fizici u anke mentali fil-fatt Jolene trid hafna xoghol maghha imrna jiena iddedkiajt ruhhi u gismi ghal binti ghax dik ghalija 1-anglu tieghi. Jolene m'ghandhiex l-uzu tar-raguni izda thares biss fejn tisma' xi storbju.

Ir-ragel kien biddel ix-xoghol tieghu u beda jahdem bhala diving instructor mas-Subway u kien jahdem u jirregistra waqt li qieghed jahdem. Dejjem hekk kien jaghme1, naf li ilu jaghmel hekk ghomru u zmienu. Fil-fatt anke quddiem din il-Qorti jiddikjara li huwa ma jahdirnx meta fil-fatt jahdem ghadu. Huwa jaghmel ukoll xoghol ghal rasu ghax meta kien ghadu d-dar kien igib gruppi ta'

[13] Fol. 167
[14] Fol. 565

nies id-dar u jghallimhom, jippruvalhom l-ilbies tal-bahar u wara jnizzilhom fil-bahar. Jien bdejt ninduna li dan kien xoghol minn taht. Anke sas-Sajf l-iehor gew u cempluli nies mill-Ingilterra d-dar biex jistaqsuni ghalih. Jien ghedtilhom icemplu fuq il-mobile ghax ma rrid hsara lil hadd u naf illi cemplulu u ghallimhom!

Lilna beda jitraskurana hafna u ma baqax jorqod id-dar, telaq ghal kollox, u kien jigi naqra filghodu biex jghid li taparsi m'abbandunax lill-familja. Lili kien jigdibli u jghidli li kien sejjer nightdive u ma kienx ikun veru. Qabad rutina li lanqas filghodu ma jidhol, granet u gimghat ma jirritorna d-dar. Sirt naf ukoll li siefer kemm il-darba u ahna ma nkunux nafu fejn kien unur.

Ir-ragel tieghi jahdem u jirregistra, fil-fatt ir-ragel jiftahar li hu ghandu min jixtrilu hafna oggetti sbieh u tad-ditta u dan nafu ghax it-tifel jghidli b'kollox. It-tifel jmur is-Subway ma' missieru u joqghod jistennih sakemm huwa jghallem fil-korsijiet ta’ l-ghaddasa. Lit-tifel xtralu anke l-loghoba Wii li tiswa' tlett mitt (€300) Ewro, fir-realta' xtrahiex missieru jew xi hadd iehor ma nafx, naf biss li darba fegg biha d-dar. Fil-fatt ibni kien iqatta hafna hin ma' Turilli hija l-partner tar-ragel tieghi u kien ikun hemm tifla li jishima Sarah maghhom, u darba jiena anke sms sibt fil-mobile tar-ragel tieghi meta darba hallih warajh ghax kien fis-sakra. Il-messagg kien jghid hekk, "Sweety, I will come to your flat", jiena staqsejt lir-ragel jekk kellux xi mara ohra u qalli, "domt ma ntbaht ja belha”.

Ir-ragel tieghi lanqas mieghi ma kien ikun irid jorqod, kien joqghod ghalih, jissakkar f'kamra ghalih u jorqod wahdu qabel ma te1aq joqghod mal-partner tieghu go flat. Kien kiteb quddiem il-kamra tieghu "Do not disturb my room". Jien ma kont nghid lil hadd bil-problemi li kelli mieghu, lanqas ma huti ma kont nitkellem ghax kont nisthi. Kelli zewgt ihbieb Ii kienu jigu ghandi u kont nitkellem naqra maghhom Susan u Marija li lanqas maghhom ma kont nitkellem.

Ir-rage1 lanqas jakkumpanjani l-isptar bit-tifla Jolene ma kien ghall-visti specjali, kien jghidli biex nghid lil shabi jigu mieghi jew li hemm l-ambulanza, lanqas il-parents day ma qatt gie tat-tifla, huwa qatt m'attenda. Lit-tifla r-ragel qatt ma accettaha, fil-fatt ma jhobbiex daqskemm ihobb lil Clyde. Lili r-ragel kien jghajjarni li m'inhix kapaci nwelled tarbija ghax gibt tifla handicapped, kien jghidli li kien kollu tort tieghi. Fil-fatt lit-tifla ma jkunx irid jehodha waqt l-access, u ghalhekk jien ma nistax nistrih naqra, ghax hu jitfaghha fil-karozza u joqghod idur bil-karozza saghtejn shah, ghax lanqas fil-flat fejn jghix ma jehodha ghax jisthi juriha. Hafna drabi jipprova jsib xi skuza biex ma jehodhiex jew ghax il-maltemp, jew ghax ma jiflahx.

Meta r-ragel kien qieghed jitlaq mid-dar, u dan meta kien jorqod barra u jidhol id-dar, kont inhossu diehe1 u ma nghidlu xejn ghax kont inkella naqla xi xebgha tajba. Ir-rage1 idu hafifa u kien jerfa' jdejgh ta' spiss fuqi. Huwa kien jinfexx fija bil-vjolenza, sa jwaddabni t-tarag kien ikun irid, jobzoqli go wicci, jtini bil-minkeb u jghajjarni lisbjana - dan kollu gieli sar quddiem it-tifel. Id-dar dejjem kienet bl-

ghajjat. Lili kien jheddidni li jekk nitkellem ma' huti, kien isawwatni iktar. Darba minnhom kien qabadni u sabbatni mal-hgiega tal-kamra tas-sodda u kissirha bija. Jien dak in-nhar ma gibtx pulizija ghax ridt inzomm il-kwiet.

Id-dar matrimonjali ghandi bzonnha biex nghix fiha jien sakemm iddum hajja binti, ghax id-dar qeghda livell mat-triq u nidhol mill-garaxx bir-rampa bil-bieb joghola bir-remote. Jien zgur li ma nistax nitlaq rninnha d-dar u mmur nghix gewwa xi flat bit-tarag ghaliex Jolene ghandha hafna skarigg u jien ma niflahx dak l-iskarigg kollu. Fil-fatt id-dar irrangajtha b'tali mod biex il-kamra tas-sodda ta' Jolene ghamiltha isfel tmiss mal-kcina. Apparti dan Jolene qatt m'hu se ssir indipendenti……apparti dan ir-ragel ghandu jmantni lili wkoll ghaliex jiena qatt ma hdimt hlief meta kont xebba, u ma nahdimx mhux b'kapricc bhar-ragel tieghi li qata' x-xoghol meta bdiet is-separazzjoni, ma nahdimx minhabba binti.

Ir-ragel qatt ma ried jahdem ghax hu ghazzien, qabad il-hobby tad-diving u gabu bhala x-xoghol tieghu."

In kontro-ezami[15] l-konvenuta xhedet illi mill-ammont ta' Lm7,458 hija kienet harget is-somma ta' Lm2,800 u l-kumplament harighom l-attur. Dwar il-hlas lil Lohombus dawn harighom l-attur kif kien obbliga ruhu li jaghmel skond l-iskrittura. Ikkonfermat li ilha snin ma tahdem specjalment kemm ilha li twieldet Joelene. Wara t-twelid taghha kienet hadmet ghal ftit ghand in-nies specjalment meta l-attur kien bla xoghol izda mbaghad waqfet ghal kollox.

Dwar il-hinijniet tal-iskola tat-tfal tghid illi Joelene titlaq ghall-iskola fid-9.00 a.m. u tigi lura fis-2.00 pm jew fit-3.00 p.m. u Clyde jitlaq aktar kmieni u jigi fis-2.00 p.m.

Spjegat li jkollha l-appuntamenti l-isptar bit-tifla meta allura it-tifla ma tmurx skola. Tghid li x-xoghol ta' tindif fid-djar waqfitu circa fis-sena 2000.

Hija taqbel li l-attur kellu problemi b'dahru.

Xehdet **Marika Grixti** illi kienet attendiet kors bhala ghaddas mal-attur.[16] Spjegat illi fis-sena 2010 kienet attendiet kors organizzat mill-attur. Xhedet li d-'diving sessions' baqghu sejrin sa nofs Ottubru 2010. Hija spjegat illi l-'qualification dives' kien ghamilhomlha l-attur filwaqt li l-lezzjonijiet

[15] Fol. 659
[16] Fol. 589

ghall-ezami bil-kitba kien ghamilhomlha wiehed barrani u l-attur kien ippreparaha ghal wahda mill-karti tal-ezami tat-teorija.

**Dr. Sonia Abela, M.D**. xhedet illi hija tahdem fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u lill-konvenuta ezaminata fil-21 ta' Gunju 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010[17]. Kien hemm tobba ohrajn li ezaminawha f'dati ohra. Dwar il-vizita medika tal-21 ta' Gunju 2009 tghid illi tiftakar li l-konvenuta kienet marret ic-Centru tas-Sahha flimkien ma' ohtha u kienet agitata u imbezza u kellha griehi. Il-konvenuta kienet qaltilha li kien sawwatha l-attur. Spjegat li l-griehi li kellha l-konvenuta kienu kompatibbli ma griehi kawzati minn 'haga blunt'.

**Lina Fabri** ezebit l-istorja lavorativa tal-attur mal-kumpanija Subway Scuba Ltd.[18]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

**Responsabbilita' ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Il-partijiet jakkuzaw lil xulxin bit-tkissir taz-zwieg. L-attur jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja f'dan is-sens fir-rikors guramentat tieghu filwaqt li l-konvenuta taghmel l-istess fil-kontro-talba minnha pprezentata.

Il-partijiet izzewgu fis-sena 1991, sitt snin wara kellhom tifla u tlett snin wara kellhom tifel.

Mill-provi imressqa jirrizulta illi fil-bidu taz-zwieg taghhom il-partijiet kienu ippruvaw ghal tarbija izda l-konvenuta, ghalkemm kienet harget tqila, kienet tilfet it-tarbija taghha waqt it-tqala. Damu sitt snin jippruvaw il-partijiet ghal tarbija u meta twieldet Joelene skoprew li kellha kondizzjoni medika gravi imsejha 'cerebral palsy', kondizzjoni gravi hafna li minnha m'hemmx fejqan u li taghmilha totalment dipendenti fuq haddiehor. It-twelid tat-tifla wassal lill-konvenuta ghal 'depression' deskritta minn oht il-konvenuta bhala 'qawwija' tant li ohtha kienet ghamlet ix-xhur izzommilha lit-tarbija sakemm il-konvenuta irkuprat. Tlett snin wara kellhom lil Clyde.

Irrizulta illi l-attur beda jorqod hdejn it-tifla u l-konvenuta hdejn it-tifel. Jidher illi mat-twelid tat-tifel il-hajja intima ta' bejn il-partijiet giet fix-xejn.

[17] Fol. 623
[18] Fol. 624

Skoss iehor fil-hajja matrimonjali ta’ bejn il-partijiet kien meta minhabba problemi f’dahru l-attur kellu jieqaf mix-xoghol li kellu ta’ ‘driver’ u distributur ta’ xorb fil-flixken li kien jirrikjedi skarig bil-kaxxi tqal. Wara li waqaf minn dak ix-xoghol ha kors ta’ ‘diving instructor’ u beda jahdem ma’ kumpanija bhala ‘diving instructor’. Minn hemm ‘il quddiem ir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet kompliet tmur ghal ghar anke peress li meta kien ‘driver’ l-attur kellu salarju sostanzjali mentri bhala ‘diving instructor’ ma kellux. L-attur jghid li peress li dan ix-xoghol huwa wiehed stagjonali allura huwa jahdem biss tlett xhur fis-sena.

Fil-fehma tal-Qorti din id-decizzjoni tal-attur li jsib xoghol li jirrendilu salarju tlett xhur fis-sena kienet decizzjoni irresponsabbli tenut kont tal-fatt li huwa kellu mara u zewgt itfal xi jmantni. Ghalfejn ha kors ta’ ‘diving instructor’ u mhux ta’ xi xoghol iehor li jtih salarju is-sena kollha l-attur qatt ma spjega tul il-kors kollu tal-kawza. Jghid biss li dan ix-xoghol ta’ ghaddas joghgbu ghaliex jiltaqa’ ma’ hafna nies. Il-konvenuta xhedet illi dan il-pass kien ghamlu sabiex ikun jista’ jirregistra ghax-xoghol waqt li qed jahdem. Hu x’inhu, jibqa’ l-fatt li l-konvenuta kienet qed tinghata anqas flus ghall-hajja mill-attur minn kemm kien jaghtiha qabel, li kompliet izzid mat-tensjoni li gia’ kien hemm bejn il-partijiet.

Ghalkemm l-attur xhed illi meta kien ikun id-dar kien jorqod fil-kamra tat-tifla sabiex jiehu hsiebha matul il-lejl, jidher li kien sabha bi tqila sabiex jidher fil-pubbliku maghha. Jirrizulta li meta l-konvenuta kienet tmur l-Isptar mat-tifla huwa kien iwassalhom u jibqa’ fil-karrozza jistennihom. Jirrizulta wkoll illi meta jiehu t-tifla ghall-access joqghod idur biha bil-karrozza ghal saghtejn u ma jehodiex la fid-dar fejn joqghod u lanqas f’postijiet pubblici ohra. Missier responsabbli ta’ tifla bi bzonnijiet specjali huwa mistenni li jagixxi mod iehor.

Irrizulta wkoll illi l-konvenuta kienet tithalla nieqsa mill-flus tant li kemm hbieb taghha ta’dak iz-zmien kif ukoll familjari xehdu li kienu jghinuna finanzjarjament. L-attur jghid li ma setghax jaghtiha aktar milli kien jaghtiha ghall-hajja peress li d-dhul tieghu kien naqaslu sostanzjalment. Dan l-istat ta’ fatt kien inisssel frustrazzjoni kbira fil-konvenuta tant li irrizulta li kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet marret fuq il-post tax-xoghol tal-attur tghajjat mieghu li kellha bzonn il-flus ghall-hajja.

Il-konvenuta xhedet illi meta l-attur kien ghadu jghix id-dar kien spiss jghajjarha bit-tifla u jghidilha li ma kenitx kapaci iggib fid-dinja tifla b’sahhitha. Fil-fehma tal-Qorti dan jammonta ghal agir krudili mhux biss fil-konfront tal-omm izda wkoll fil-konfront tat-tifla anke jekk it-tifla ma tifhimx. Ma rrizultax li l-kondizzjoni li minnha tbati t-tifla huwa xi rizultat ta’ xi nuqqas da parti tal-konvenuta. Certament li diskors ta’ din ix-xorta jwegga’ fil-laham il-haj u difficli li tali feriti jghaddu qiesu ma gara xejn. Il-fatt li l-attur kien jakkuza lill-konvenuta li kien tort taghha li t-tifla twieldet bil-kondizzjoni imsemmija jammonta ghal mohqrija psikologika.

It-tmiem tal-hajja matrimonjali ta' bejn il-parijiet wasal meta l-attur beda jnaqqas mill-presenza tieghu fid-dar u jorqod band'ohra. L-attur jghid illi beda jaghmel hekk peress li meta jkun id-dar dejjem bl-inkwiet. Dan zied mat-tensjoni li gia' kien hemm bejn il-partijiet sakemm sehh l-incident fejn wara li l-konvenut qaleb gwardarobba mimlija bil-hwejjeg il-konvenuta tatu daqqa fuq rasu bi statwa filwaqt li l-attur xejrilha daqqa fuq wiccha. Minn hemm 'il quddiem is-sitwazzjoni ta' bejn il-partijiet iggenerat ghall-ahhar b'incidenti kontinwi u rapporti kontra xulxin fl-Ghassa tal-Pulizija uhud minnhom spiccaw il-Qorti fejn iz-zewg partijiet instabu hatja ta' atti vjolenti fil-konfront ta' xulxin.

Mill-kumpless tal-provi hija l-fehma tal-Qorti illi meta zviluppaw l-incidenti ta' vjolenza bejn il-partijiet fuq deskritti, iz-zwieg ta' bejniethom kien ilu li beda jisfaxxa. Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet beda jisfaxxa meta l-attur unilateralment iddecieda illi minflok ma jsib xoghol adattat li jipprovdilu impieg is-sena kollha, sab xoghol li skond hu jaghtih xoghol tlett xhur fis-sena biss. F'dan ir-rigward il-konvenuta sostniet illi ghalkemm l-attur kien ihalliha nieqsa mill-flus ghal hajja ghaliex kien jghid li dhul ma kellux bizzejjed, fil-fatt kien jahdem is-sena kollha u ma jiddikjarax id-dhul li kellu sabiex ikun jista' jmur jirregistra u jircevi l-beneficcji ghall-qaghad.

Il-konvenuta resqet bizzejjed provi sabiex tissostanzja l-pretensjoni taghha li effettivament mhux minnu li l-konvenut kien jahdem tlett xhur tas-sena biss. Jirrizulta mill-atti, inkluz dokumenti mehuda mill-internet, illi effettivament l-attur ghandu hajja lavorativa bhala 'diving instructor' is-sena kollha bid-differenza illi disa' xhur tas-sena jmur jirregistra ghax-xoghol sabiex jiehu l-beneficcji socjali.

Il-fatt pero' li rrizulta li mhux biss l-attur ikkommetta atti vjolenti fuq il-konvenuta, izda anke l-konvenuta ikkommettiet atti vjolenti fuq il-konvenut, iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi l-htija ghat-tkissir taz-zwieg taqa' wkoll fuq il-konvenuta u dan peress li l-agir vjolenti tal-partijiet ma jista' qatt ikun gustifikat.

Fil-fehma tal-Qorti, l-agir u l-komportament tal-attur fil-konfront tal-konvenuta zmien sew qabel ma r-relazzjoni taghhom iddegenerat f'atti vjolenti, jitfghu fuq l-attur responsabbilta' akbar ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi r-responsabbilita' ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet hija diviza in kwantu ghal zewg terzi (2/3) fuq l-attur u in kwantu ghal terz (1/3) fuq il-konvenuta ghar-ragunijiet fuq esposti.

**Kura u Kustodja tal-Minuri**.

L-attur qed jitlob il-kura u kustodja kongunta flimkien mal-konvenuta fir-rigward taz-zewg ulied minuri filwaqt li l-konvenuta rikonvenzjonanti qed titlob li l-kura u kustodja taz-zewg minuri tigi affidata esklussivament f'idejha.

Huwa prattikament impossibbli li l-partijiet ikollhom komunikazzjoni bejniethom b'mod civili ghaliex kull inkontru bejniethom iwassal ghall-konflitt. Iz-zewg minuri qed jabitaw mal-konvenuta u ma hux fl-interess tal-minuri li dawn imorru jabitaw ma' missierhom. Kura u kustodja kongunta tirrikjedi illi f'kull decizzjoni li jehtieg tittiehed fir-rigward tal-minuri iz-zewg genituri jridu jikkomunikaw ma' xulxin u jiehdu decizzjoni komuni. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz xenarju simili ma hux possibbli. Hemm wisq rankur bejn il-partijiet biex jikkonducu konverzazzjoni minghajr glied. Fl-interess suprem tal-minuri il-Qorti ser takkorda l-kura u kustodja f'idejn il-konvenuta b'dan illi decizzjonijiet fir-rigward ta' passaport/safar u bdil ta' skola tal-minuri jittiehdu flimkien u fin-nuqqas ta' ftehim jirrikorru ghal decizzjoni tal-Qorti.

**Manteniment**.

L-attur issottometta illi l-konvenuta ghandha tohrog tahdem sabiex tmantni lilha innifisha anke ghaliex iz-zewgt itfal ikunu minn filghodu sa wara nofs inhar l-iskola.

Mill-banda l-ohra l-konvenuta issostni illi hija baqghet id-dar sabiex trabbi liz-zewg uliedha. Il-htigijiet tat-tifla huma kbar kif xhedu diversi persuni li taw it-testimonjanza taghhom f'dawn il-proceduri. Ghalkemm huwa minnu li t-tifla tmur l-iskola, hija tehtieg attenzjoni kontinwa inkluz tqandil peress li wahedha ma timxiex. Ghalhekk ma hux possibbli ghall-konvenuta li ssib xoghol 'full-time' anke ghaliex meta t-tifla tigi lura mill-iskola jehtieg li ssib lil xi hadd id-dar. L-istess japplika fir-rigward tat-tifel bid-differenza illi l-kondizzjoni gravi tat-tifla ser tenhtieg l-attenzjoni kontinwa u minghajr interruzzjoni tul hajjitha kollha.

Tista' pero' l-konvenuta tfittex xoghol ghal ftit sieghat matul in-nofs ta' nhar ta' filghodu mhux necessarjament kuljum. Dan jista' jkun ta' beneficcju ghall-istess konvenuta mhux necessarjament finanzjarju biss.

Minhabba li l-konvenuta mhux possibbli ghaliha li tohrog tahdem 'full-time' sabiex tkun tista' tiehu hsieb lit-tifla tal-partijiet, l-attur ghandu jipprovdi manteniment ghall-konvenuta sabiex jaghmel tajjeb ghar-restrizzjonijiet fil-hajja lavorattiva tal-konvenuta kagunata mill-bzonnijiet tat-tifla komuni tal-partijiet. Il-Qorti ghalhekk ser tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta is-somma ta' tletin ewro (€30) fil-gimgha bhala manteniment ghaliha.

Il-htigijiet tat-tfal jibidlu aktar ma jikbru u ghalhekk difficli jigi anticipat il-htigijiet kollha taghhom sakemm isiru maggorenni. Il-Qorti ghalhekk ser tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta is-somma ta' sebghin ewro (€70) fil-gimgha bhala manteniment ghaz-zewg minuri u cioe' €35 fil-gimgha ghal kull wild.

**Dar Matrimonjali**.

Hemm qbil li d-dar matrimonjali tappartjeni liz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom. L-attur qed jitlob li d-dar tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet. Il-konvenuta mill-banda l-ohra qed titlob illi mehud in konsiderazzjoni l-kondizzjoni ta' bint il-partijiet id-dar ma tinbieghx sakemm il-minuri tkun ghadha tirrisjedi f'dan il-fond.

Il-Qorti hawnhekk trid issib bilanc bejn id-dritt ta' proprjeta' taz-zewg genituri u l-obbligi taz-zewg genituri versu binthom li ghandha kondizzjoni fizika serja. L-attur ma ghamel l-ebda sottomissjoni dwar fejn ser tmur tabita bint il-partijiet jekk id-dar matrimonjali tinbiegh.

**Artkolu 55 sub-inciz 7 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi."

Fil-fehma tal-Qorti jkun gust u ekwu illi l-konvenuta u bint il-partijiet ma jigux kostretti li immedjetament johorgu minn dik li kienet id-dar matrimonjali tal-partijiet. Il-kondizzjoni fizika ta' bint il-partijiet tirrikjedi ambjent adatt u ghalhekk il-konvenuta qed tinghata d-dritt li tibqa' tabita fil-fond imsemmi ghal zmien hames snin millum bil-kondizzjoni illi zzomm tabita maghha lil bint il-partijiet u li fil-fond ma jidhlux jabitaw terzi persuni li ma humiex membri tal-familja. Dan qed isir sabiex ikun hemm zmien adegwat li ghandu jigi utilizzat sabiex jinstab il-fond mehtieg u l-ambjent adatt ghall-bint il-partijiet fil-fond residenzjali gdid.

**Krediti Parafernali.**

L-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens illi ghandu kreditu parafernali ammontanti konsistenti:-

1. Elf sitt mija u tmienja u hamsin ewro (Euros 1,658) rapprezentanti pagamenti li saru mill-attur lill-bank dwar il-home loan fiz-zmien qabel ma l-partijiet izzewgu. (ara prospett a fol. 141)

2. Tnejn u ghoxrien elf, mitejn u wiehed u sebghin ewro (Euros 22,271) rapprezentanti s-segwenti hlasijiet: Lm1,542 fuq il-konvenju, Lm490 spejjez notarili, u Lm4,658 fuq il-kuntratt.

Mill-atti jidher li dawn il-pretensjonijiet huma gustifikati.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mit-talbiet attrici, mit-talbiet rikonvenzjonali u mill-eccezzjonijiet taz-zewg partijiet bil-mod segwenti:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet kienu jahtu z-zewg partijiet bir-responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg qed tigi akkollata in kwantu ghal zewg terzi (2/3) fuq l-attur u in kwantu ghal terzi (1/3) fuq il-konvenuta rikonvenzjonanti.

2. Tordna li l-kura u kustodja taz-zewg minuri Jolene u Clyde tkun esklussivament f'idejn il-konvenuta b'dan illi decizzjonijiet dwar safar u bdil ta' skejjel jittiehdu miz-zewg partijiet flimkien u fin-nuqqas ta' ftehim jirrikorru ghal decizzjoni tal-Qorti. L-attur jezercita access favur l-imemmija zewg minuri fi granet u hinijiet li minn zmien ghal zmien jiftehmu l-partijiet liema ftehim ghandu jkun korroborat minn korrispondenza bejn l-Avukati taz-zewg partijiet.

3. Tichad it-tmien talba attrici u l-hames talba rikonvenzjonali.

4. Tordna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' tletin ewro (€30) fil-gimgha bhala manteniment ghaliha. Tordna wkoll lill-attur ihallas lill-konvenuta

s-somma ta' sebghin ewro (€70) fil-gimgha bhala manteniment ghaz-zewg minuri u cioe' €35 fil-gimgha ghal kull wild oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha. Il-manteniment hawn ordnat jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

5. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Tillikwida l-istess bil-mod segwenti.

6. Bis-sahha tal-Artikolu 55 (7) tal-Kap 16 tordna li l-konvenuta tibqa' tabita fil-fond no 34, Redeemer, Triq il-Vanilja, Mgarr, Malta, bil-garaxx anness maghha ghal zmien hames snin millum bil-kondizzjoni illi zzomm tabita maghha lil bint il-partijiet kif ukoll lil iben il-partijiet; u li fil-fond ma jidhlux jabitaw terzi persuni li ma humiex membri tal-familja. Mal-iskadenza tat-terminu hawn stipulat il-Qorti tordna li l-fond imsemmi bil-garaxx mieghu jigu mibjugha taht l-awtorita' tal-Qorti.

7. Tiddikjara illi l-attur ghandu kreditu parafernali kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet fis-somma ta' tlieta u ghoxrien elf, disa' mija u disgha u ghoxrien ewro (Euros 23,929). Meta jsir il-bejgh tal-fond u garaxx fuq imsemi, mir-rikavat ghandu l-ewwel tinghata lill-attur is-somma ta' tlieta u ghoxrien elf, disa' mija u disgha u ghoxrien ewro (Euros 23,929) ghar-ragunijiet spjegati fuq taht l-intestatura 'Krediti Parafernali'. Il-bilanc jigi percepit in kwantu ghal nofs mill-attur u nofs mill-konvenuta.

7. Tiddikjara illi m'hemmx krediti parafernali dovuti lill-konvenuta.

Bl-ispejjez in kwantu ghal zewg terzi (2/3) a kariku tal-attur u in kwantu ghal terz (1/3) a kariku tal-konvenuta.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------